MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 265/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Renato Thomas Arcidiacono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Eurodecor Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (2) id-denunzja li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Jannar, 2009 sat-30 ta' April, 2009 u dan bi ksur tal-artikoli 27u 76 (c) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 27 u 76(c) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800).
Il-Qorti b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998 ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax il-Euro (€15) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha w tirrevokaha in kwantu din sabitu hati u kwindi tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjoni, htija w piena u fl-eventwalita` li din il-Qorti ma tilqax l-aggravju fuq il-htija o meno tal-appellant, tirriform s-sentenza fil-parti fejn ikkundannatu ghal multa ta’ tmien mitt Euro (€800) u minflok tinfliggi piena aktar idoneja w li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-appellant ma jmissux instab hati tal-akkuzi dedotti kontrih peress illi ma kienx jaf u ma setax b’diligenza ragonevoli jkun jaf b’dak in-nuqqas u peress illi ghamel kull ma seta’ sabiex izomm milli jsir dak in-nuqqas;
2. L-appellant ma jistax jinstab hati ai termini tal-artikolu 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta w dan peress illi huwa m’ghandux il-kwalitajiet illi jrid ikollha persuna sabiex din tinsab hatja taht l-istess artikolu;
3. Illi d-denunzji ghall-perjodi relattivi u kif ukoll il-pagament ta’ taxxa relattiva saru kif rikjest mill-ligi u ghalhekk ma kellhiex tinstab htija.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur tal-kumpanija Eurodecor Limited flimkien ma direttur iehor Ivano Archidiacono. L-appellant qal illi dan ta' l-ahhar jiehu hsieb l-"accounts" u hu jiehu hsieb il-parti teknika tal-kumpanija.

Paul Scicluna "inspector" tal-VAT xehed illi minkejja li l-formoli jew "returns" gew sottomessi lid-dipartiment il-flus baqghu ma thallsux u ghadhom mhumiex imhallsa sal-lum. L-ammont dovut ta' April 2009 thallsu tardivament. Id-denunzja ta' Jannar 2009 giet ipprezentata f'April 2009 izda baqa` ma sarx hlas fuqha. Semma li sar xi pagament ta' €10,037 izda dan il-pagament ma kienx abbinat ma din id-denunzja.

Id-difiza argumentat illi l-artikolu 82 (2) tal-Kap. 406 jitkellem dwar impjegati u ma ngabet l-ebda prova li l-appellant kien impjegat, irrizulta biss illi kien direttur. L-artikolu 82 (1) japplika ghal min hu direttur. Spjegat ukoll li c-"cheque" tal-hlas ma kienx onorat minhabba s-sekwestri li hargu mid-Dipartiment tal-VAT stess, u ghalhekk l-appellant ma kellux jinstab hati ta' dawn l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat :

Huwa kompitu ta' din il-Qorti illi tara x-xiehda li gew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, tara s-sentenza w tara wkoll jekk is-sentenza kienitx legalment u ragjonevolment korretta.

Il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju w issib illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha. Jista` jkun illi kull direttur ta' kumpanija ghandu l-kompetenzi tieghu, pero` taht il-ligi ma taghmilx differenza w l-imputat ma jistax jigi ezonerat, aktar u aktar meta l-ligi ssemmi "kull persuna".

Ma hemmx dubju illi hemm nuqqasijiet kbar fit-tmexxija ta' din il-kumpanija w jekk qeghda f'xi diffikultajiet finanzjarji l-imputat ma jistax jaghzel lil min ihallas u ma jhallasx, aktar u aktar jekk ikun hemm flus dovut lill-irarju bhal ma hu f'dan il-kaz.

L-appellant mhuwiex liberu li jaghmel l-ghazliet tieghu. It-taxxa trid tithallas u bhala persuna responsabbli ghall-kumpanija jrid jerfa r-responsabilita` tal-konsegwenzi tad-decizjoni tieghu.

Ghalhekk il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti kellha ragun meta sabet lill-appellant hati.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt li huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament tal-provi u tasal ghall-konkluzzjoni illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------